**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SITT LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 47– L-ERBGĦA, 28 TA' NOVEMBRU 2012 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzati | | |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |

### 1 Approvazzjoni Minuti Numru 46

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jigu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 2 Pagamenti Numru 73

2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Rita Saliba issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

### 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Ġiet innutata korrispondenza mill-Green Pak. Għandha tinbagħat risposta li huma responsabbli biex tiżdid l-għarfien mar-residenti.

**3.2** Kien hemm diskussjoni rigward Memo 45/2012 Skema għal inizjattivi speċjali. Ġie deċiż li napplikaw għal din l-iskema għall-proġett ta' Triq l-Ispika.

3.3 Ġiet innutata korrispondenza rigward il-parkeġġ fi Triq Wied Għollieqa. Għandu jiġi ikkonsultat l-Kumitat tal-Kappara rigward din il-materja.

3.4 Ġie deċiż li jiġu ordnati 20 diary.

3.5 Kien hemm diskussjoni rigward memo 49/2012 skema inizjattivi sportivi. Ġie deċiż li napplikaw għal din l-iskema għal-lezzjonijiet tal-għawm il-pixxina nazzjonali.

3.6 Ġiet diskussa talba tal-Onor Leo Brincat għal bozza ġdida fi Triq il-Ballut. Ġie innutat li diġà hemm tliet bozoz f'din it-triq qasira. Għalhekk għandu jinbidel il-*holder* ta' waħda minnhom u anke jinbidel il-wattage għal waħda aktar qawwija.

3.7 Kien hemm konsensus li l-Ikla tal-Milied issir fil-11 ta Jannar 2013. Għandha tiġi ikkonfermata fil-laqgħa li jmiss.

3.8 Il-Kunsill ġie mogħti 6000 ewro għal manutenzjoni tal-Masġar Patri Leopoldu Tabone għas-sena 2012. L-allokazzjoni għandha tiżdied fis-snin li ġejjin biex tirrifletti dan ix-xogħol meħtieġ.

3.9 Ġiet innutata talba biex l-iskips fi Triq Giacinti jiċċaqalqu għal Triq il-Mensija faċċata tal-banka tal-lottu. Din id-deċiżjoni ma ġietx milqugħha minħabba li Triq il-Mensija hija *two way* u aktar perikoluża biex tieqaf bil-karozza biex tagħmel użu minn dawn l-iskips.

3.10 Ġiet diskussa l-ittra miż-żewġ familji fi Triq ir-Riċnu rigward biċċa art mikrija lill-terza persuna mid-Dipartiment tal-Artijiet. Ġie deċiż li tinbagħat risposta li t-talba tagħhom għandha tiġi indirizzata lill-istess Dipartiment tal-Artijiet.

3.11 Ġew diskussa t-tliet kwotazzjonijiet SGLC/Q/14/12, SGLC/Q/13/12 u SGLC/Q/12/12. Ġie deċiż li għal 14, tingħata lil-Kumpanija Twish Co Ltd peress li hija l-irħas offerta u għat-tnejn l-oħra ssir laqgħa bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera Joan Farrugia u Violet Bajada, flimkien mal-kuntrattur.

## 4 Affarijiet Oħra

4.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ġibdet l-attenzjoni li hemm bżonn *patching* fit-toroq Imsieraħ, San Ġiljan u s-Seqer. Għandhom isiru l-*hampers* lill-anzjani li ma joħorġux mid-dar. Hemm bżonn li jibqa' xi ħadd mat-tinda bil-lejl fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2012 kif ukoll jinkera fustun bi spiża ta' 200 ewro. Għandu jsir tindif madwar il-ġnien tal-Kunsill u għandha tinġibed l-attenzjoni lil TM minħabba n-nuqqas ta' dawl fiż-*zebra crossing* ta' Triq tas-Sliema. Hi infurmat lilil-Kunsill li l-banda ser toffri s-servizzi tagħha bla ħlas għall-attività ta' taħt it-tinda.

4.2 Is-Sinjura Joan Farrugia infurmat lill-Kunsill li l-attività *Gift in a shoebox* u l-bżonn li jinxtraw xi *snacks* għal din l-attività jekk ma jinstabux *sponsors*. Hemm tappiera baxxa fi Triq il-Mensija u l-bżonn li jsir *resurfacing* fi Triq il-Ġojjin.

4.3 Is-Sinjura Violet Bajada ilmentat li hemm bżonn ta' żbir fis-siġar ta' Vjal in-Naspli, hemm xi ħsarat fid-dawl fil-Gnien Santa Margerita u hemm bżonn ta' aktar sorveljanza mill-pulizija minħabba vandaliżmu.

4.4 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ilmenta rigward il-*white line* li sar fi Triq Bella Vista, u rigward il-bżonn li ssir *zebra crossing* fi Triq San Ġiljan lejn Triq it-Trunciera t-Twila.

**4.5** Is-Sinjura Rita Saliba ilmentat rigward *culvert* fi Triq J F Marks, fuq parkeġġ illegali quddiem il-Banif Bank, bankina imkissra fi Triq il-Kapuċċini, u l-bżonn ta' *hand rail* fi Triq San Ġiljan.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Ergħba, 19 ta' Diċembru 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |